



Il-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni (eż. siti web professjonali, pjattaformi online, magni tat-tiftix online) stabbiliti fir-Renju Unit, huma b'mod partikolari rakkomandati li jivvalutaw il-konsegwenzi ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fid-dawl ta' dan l-avviż.

#### **Innota:**

Dan l-avviż ma jindirizzax:

- regoli tal-UE speċifiċi għax-xiri online b'konsenja tal-pakketti sussegwenti;
- regoli tal-UE dwar l-imblukkar ġeografiku; u
- regoli tal-UE dwar il-VAT.

Għal dawn l-aspetti, qed jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn<sup>6</sup>.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-forniment tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2000/31/KE (id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku)<sup>7</sup> u r-Regolament (UE) 2015/2120 (ir-Regolament dwar aċċess għal Internet miftuħ),<sup>8</sup> ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

### **1. PRINCĪPJU TAL-PAJJIŻ TAL-ORIĠINI (KUMMERĊ ELETTRONIKU)**

F'konformità mal-klawżola tas-suq intern (magħrufa wkoll bħala l-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni<sup>9</sup> huwa soġġett għal-liġi tal-Istat Membru tal-UE li fih ikun stabbilit, u mhux għad-diversi liġijiet tal-Isati Membri tal-UE fejn

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period\\_en](https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_en)

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku"), ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jstabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ, ĠU L 310, 26.11.2015.p. 1.

<sup>9</sup> Servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni huwa ddefinit bħala "kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi" (ara l-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

Eżempji tas-servizzi koperti mid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku jinkludu s-servizzi informativi online (bħall-gazzetti online), il-bejgħ online ta' prodotti u servizzi (kotba, servizzi finanzjarji u servizzi tal-ivvjaġġar), ir-reklamar online, is-servizzi professjonali (avukati, tobba, aġenti tal-proprjetà), is-servizzi tad-divertiment u s-servizzi intermedjarji bażiċi (aċċess għall-Internet u trażmissjoni u ospitar ta' informazzjoni). Dawn is-servizzi jinkludu wkoll is-servizzi pprovduti mingħajr ħlas lir-riċevituri ta' servizzi u ffinanzjati, pereżempju, permezz ta' reklamar jew sponsorizzar.

jigū pprovduti s-servizzi tiegħu, għalkemm il-klawżola tippermetti ċerti eżenzjonijiet. Il-klawżola hija kkomplementata minn regola li tipprojbixxi skemi ta' awtorizzazzjoni bil-quddiem u rekwiżiti simili li japplikaw speċifikament u esklussivament għal fornituri ta' dawn is-servizzi (l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku). Barra minn hekk, id-Direttiva tistabilixxi ċerti rekwiżiti bażiċi dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-utenti, lill-kuntratti online u lill-komunikazzjonijiet kummerċjali online (l-Artikoli 5-11 tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku). Ir-responsabbiltà ta' intermedjarji li jipprovdu servizz hija limitata f'ċerti każijiet (it-Taqsima 4 tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku).

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni stabbiliti fir-Renju Unit ma jistgħux jibqgħu jibbażaw aktar fuq il-prinċipju tal-pajjiż tal-orijini u fuq ir-regola msemmija li tipprekludi l-iskemi tal-awtorizzazzjoni bil-quddiem. Ir-rekwiżiti bażiċi ta' informazzjoni stabbiliti fid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku ma għadhomx japplikaw għalihom. Bħala konsegwenza, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku mhux se jibqgħu jillimitaw il-possibbiltà għal kull Stat Membru tal-UE li jissuġġetta l-forniment ta' dawn is-servizzi għar-regoli nazzjonali tiegħu, inklużi, pereżempju, skemi ta' awtorizzazzjoni minn qabel jew regoli dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-utenti. Barra minn hekk, il-limitazzjonijiet tar-responsabbiltà stabbiliti fid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku mhux se jibqgħu japplikaw għal fornituri tas-servizzi intermedjarji stabbiliti fir-Renju Unit.

## **2. RELAZZJONIJIET BEJN IL-PJATTAFORMA U N-NEGOZJI (KUMMERĊ ELETTRONIKU)**

Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1150<sup>10</sup> dwar ir-relazzjonijiet bejn il-pjattaforma u n-negozji jistabilixxi regoli armonizzati dwar il-ġustizzja u t-trasparenza għall-utenti kummerċjali u l-utenti ta' siti web korporattivi, rispettivament, tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online u tal-magni tat-tiftix online. Ir-regoli jkopru kwistjonijiet bħaċ-ċarezza u l-prevedibbiltà kuntrattwali, il-prattika kummerċjali żleali u s-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Regolament (UE) 2019/1150 ma jibqax japplika għall-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni online jew tal-magni tat-tiftix online li jipprovdu jew joffru li jipprovdu s-servizzi tagħhom (1) lill-utenti kummerċjali u lill-utenti ta' siti web korporattivi stabbiliti fir-Renju Unit jew (2) lill-utenti kummerċjali u lill-utenti ta' siti web korporattivi li, għalkemm stabbiliti fl-UE, jipprovdu jew joffru l-prodotti jew is-servizzi tagħhom lil konsumaturi li jinsabu fir-Renju Unit, mingħajr ma jipprovdu dawn ukoll lill-konsumaturi li jinsabu fl-UE. B'kuntrast ma' dan, ir-Regolament (UE) 2019/1150 se jkompli japplika għall-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni online jew tal-magni tat-tiftix online, inklużi dawk stabbiliti fir-Renju Unit, jekk dawn jipprovdu jew joffru li jipprovdu s-servizzi tagħhom, rispettivament, lill-utenti kummerċjali u lill-utenti ta' siti web korporattivi li jkollhom il-post ta' stabbiliment jew ir-residenza fl-UE u li, permezz ta' dawk is-servizzi ta' intermedjazzjoni online jew permezz tal-magni tat-tiftix online, joffru prodotti jew servizzi lil konsumaturi li jinsabu fl-UE. Dan huwa l-każ irrispettivament minn jekk is-servizzi ta' intermedjazzjoni online jew is-

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online, ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57. Dan ir-Regolament japplika mit-12 ta' Lulju 2020.

servizzi tal-magni tat-tiftix online humiex offruti jew ipprovduti esklussivament lin-negozji tal-UE jew lin-negozji kemm tal-UE kif ukoll tar-Renju Unit.

### 3. NEWTRALITÀ TAL-INTERNET

Ir-Regolament (UE) 2015/2120 dwar aċċess għal Internet miftuħ jipprevedi regoli komuni dwar it-trattament ugwali u mhux diskriminatorju tat-traffiku fil-forniment ta' servizzi tal-aċċess għall-Internet u d-drittijiet relatati tal-utenti finali. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dawn ir-regoli mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit iżda se jkomplu jirregolaw il-forniment tas-servizzi tal-aċċess għall-Internet fl-UE, indipendentement minn fejn ikun stabbilit il-fornitur tas-servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku (<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/e-commerce-directive>) jipprovdi informazzjoni ġenerali rigward is-servizzi tal-kummerċ elettroniku u s-soċjetà tal-informazzjoni. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjoni, il-Kontenut u t-Teknoloġija